huwa tal-Franġiskani u fih hemm artal u fuqu sura ta' Santa Liena, tal-bronż, tħaddan is-Salib (ara l-aħħar harġa ta' dal-qari, Lulju-Settembru, faċċati 73 u 74).

Imbagħad titla' minn ġewwa l-bir, tarġa' tgħaddi mill-kappella ta' Santa Liena, titla' t-taraġ ta' fuq, tiġi fil-kuridur il-mudlam, imma tibda tara ħajta dawl. Tibqa' miexi u tara bieb kbir, jagħti għal ġewwa bitħa, iċċangata bil-ħaġar abjad, jilma' fix-xemx. "Hi!" tgħid f'qalbek. "Araw hawn bieb ieħor!" Imma meta tħares sewwa tifhem li dak ma hux bieb ieħor. Dak hu l-bieb innifsu li dħalt minnu! F'dak il-kuridur il-mudlam, meta kont timxi u tħasses mal-ħajt, minngħalik li kont timxi idritt, imma kont qiegħed iddur. Għal hekk issa ġejt minn fejn tlaqt, mingħajr ma taf.

Hekk bil-ħsieb, dorna dawra qasira mal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, u rajna qisna kollox. Taf x'ma rajniex biss minħabba l-għaġla? Is-Sagrestija tal-Franġiskani u l-Kor, fejn igħidu l-uffizzju f'nofs il-lejl.

FRA ELIJA, O.F.M.

---

# IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

## IL-PARABBLI TAL-EVANĠELJU

Min qara darba f'ħajtu mqar faċċata waħda tal-Evanġelju jew daħal imqar darba l-Knisja jisma t-tifsir tal-Evanġelju, aktarx li jaf bil-kelma "parabbla". U din hi kelma li ġie li ngħiduha wkoll fit-taħdit tagħna ta' kull jum. Hekk ġie li ngħidu: "Ġejj b'ħafna parabbli! U b'dan irridu nfissru kliem li bih irridu naħbu l-verità, kliem li juri ħaġa b'oħra, kliem li ma jfisserx dak li għandna f'moħħna. Imma ma nistgħux ngħidu li Kristu bil-parabbli tiegħu ried jaħbi l-verità u juri ħaġa b'oħra. Mela xinhi l-parabbla tal-Evanġelju? Ngħiduh fi ftit kliem. Il-parabbla hi rakkont ivventat, iżda meħud mill-ħajja, biex wieħed aktar ifiehem xi tagħlim tqil biex wieħed jifhmu. Ġesù Kristu tana ħafna tagħlim fuq il-Knisja li kien sa jwaqqaf u li kellha tkun il-bieb tal-ġenna. Dan kien tagħlim tqil li l-poplu ma kienx jista' jifhem malajr. Għalhekk Kristu kien jinqeda b'ħafna tixbihat biex ifiehem lill-poplu dak li ma kienx jifhem kieku kellmu ċar. Nieħdu eżempju. Il-Lhud kienu jafu li huma kienu l-poplu ta' Alla, il-poplu magħżul minn Alla. Is-saltna tas-smewwiet, minn għalihom, kienet għalihom biss. Biżżejjed tkun Lhudi, min-nisel Abraham, biex tidħol fis-saltna tas-sema. Jekk issa Kristu ġie jxandar is-saltna ta' Alla, li kienet il-Knisja bħala triq għall-ġenna, huma setgħu jaħsbu li biżżejjed għalihom li jidħlu fil-Knisja biex jiksbu s-saltna tas-smewwiet. Kristu jrid ineħħilhom dil-fehma. Kif? Permezz ta' parabbla; permezz ta' rakkont li mhux veru, imma li donnu veru. Igħidilhom: Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sajjied li jitfa x-xibka l-baħar u jaqbad qabda ħut. Jiġbed ix-xibka l-art, jagħżel il-ħut; it-tajjeb jitfgħu ġol-qfief għal bejgħ; il-ħażin jarmih. Rakkont bħal dan malajr jifhmuh, u għalhekk malajr setgħu jifhmu li mhux kull min jidħol fil-Knisja jsalva żgur.

Mela l-parabbla hi mezz popolari ta' tagħlim. S. Ġrolmu, li għadda ħafna snin fil-Palestina, jgħid li s-Sorjani mdorrijin idaħħlu l-parabbli huma u jitħaddtu, biex dak li wieħed ma jistagħx

jifhmu mill-ewwel jifhmu permezz ta' tixbiha. Kif kienu dawn il-parabbli tas-Sorjani S. Ġrolmu ma qalilniex. Imma mhux is-Sorjani biss; aħna l-Maltin ukoll, bla ma nafu, ndaħħlu sikwit il-parabbli aħna u nitħaddtu. Mur fuq iz-zuntier tal-Knisja nhar ta' Ħadd wara l-barka. Hemm qatgħa nies imdawwrin ma' wieħed li jidhirlu jaf aktar minnhom. Qiegħed ikellimhom fuq il-Gvern, fuq il-gwerra, fuq il-politka jew ħwejjeġ. Ma tantx jistgħu jifhmu. Imbagħad igħidilhom: "Ara, Żepp, nagħtu kas int għandek għalqa, tħallas il-qbiela tagħha. Dejjem tħallas, u sidha ma għandux xi jgħid minnek. Issa jkun hemm wieħed li jaqbillu li l-għalqa tkun f'idejh; imur għand is-sid, igħid kontra tiegħek, igħolli fuqek u jeħodlok l-għalqa. Xi tgħid, Żepp?" Mhix irġulija, iwieġbu Żeppi. Żeppi fehimha l-istorja, u permezz tagħha fehem dak li qabel ma setagħx jifhem. L-istejjer tagħna li jibdew b'**Nagħtu kas** jixbhu l-parabbli tal-Evanġelju. Kristu seta qal: "Nagħtu kas ikun hemm wieħed sajjied..." u r-raġel ta' fuq iz-zuntier seta qal: "Dak li għamel il-Gvern, jew dak li għamel Hitler jew Stalin, jew Nâser jixbah lil wieħed li kellu għalqa..."

Minn dan nitgħallmu ħafna fuq il-parabbli tal-Evanġelju. Nitgħallmu l' l-parabbla mhix storja vera, imma storja ivventata; għalhekk il-parabbli tal-Evanġelju huma stejjer ivventati. Għalkemm ivventati, f'dawn l-istejjer ma hemm l-ebda qerq, l-ebda gideb. Min igħid storja u jibdieha b'**Nagħtu kas** u la jrid jigdeb u anqas iqarraq, imma juri biss dak li jġri qalb il-bnedmin. Hekk ukoll Kristu fl-Evanġelju. Il-parabbla hi mezz popolari ta' tagħlim. In-nies ta tagħlim qatt ma jfittxu li jfiehmu wieħed lil ieħor b'**Nagħtu kas.** U Kristu li kien igħallem lil nies mingħajr l-ebda tagħlim inqeda b'dan il-mezz popolari biex ifehimhom it-tagħlim għoli tar-reliġjon il-ġdida. Xi drabi meta ngħidu xi storja ta' **Nagħtu kas** indaħħlu xi xniexel li ma jfissru xejn, imma jservu biss biex nagħtu aktar ħajja lir-rakkont. Hekk ukoll fil-parabbli ta' Kristu għandna xi xniexel li ma jfissru xejn, imma jservu biex jagħtu ħajja lir-rakkont. Nieħdu l-parabbla tal-iben il-ħali. X'ifissru ċ-ċurkett, is-sandli, il-libsa l-ġdida li l-missier ta lil ibnu? Xejn. Imma qegħdin hemm biex juruna x-xena aktar ħajja.

Mela l-parabbli tal-Evanġelju huma rakkonti qosra, mhumiex veri, imma meħudin mill-ħajja, biex ifiehmu permezz ta' xebh xi tagħlim għoli tar-reliġjon. U nistgħu nxebbhuhom mar-rakkonti tagħna li jibdew b'**Nagħtu kas.**

P. P. SAYDON.

## QWIEL TAL-PALESTINA

Ħalasna minn el-ħarb, u motna fis-salama, jiġifieri: *Ħlisna mill-gwerra, u mitna fil-paċi.* Bil-Malti għandna qawl jixbah lil dan: Għaddejna l-baħar kollu u għereqna fil-port.

Xart il-qalfe, terk il-kalfe. Ifisser: *Il-ħabib tas-sew ma jagħmilx komplamenti.* Min jagħmillek il-komplamenti, ibża' minnu, għax ma jkunx ħabib ta' bil-ħaqq.

Sadiq imħassar, għadu mfassar. Jiġifieri: *Ħabib li jtellfek, huwa għadu ddikjarat.* Għax aktar jagħmillek deni nkella ġid.